**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar, 2002**

**Numru 6**

**Avviz. numru 1287/01JR**

**John Abela Limited**

**vs**

**Gollcher Company Limited ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta estera Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00), u fejn intqal:**

**Illi l-vapur Lince M.V. dahal f'Malta fit-2 ta' Lulju, 2001, u fuqu kien hemm trailer proprjeta` ta' l-attur bin-numru TR077 li kien itghabba minn Genova bil-polza ta' karigu 255288 liema trailer itghabba f'kundizzjoni tajba;**

**Illi dan it-trailer meta nhatt mill-imsemmi vapur kellu l-kanvas imqatta' u l-hadid that il-kanvas mghawweg;**

**Illi d-danni huma ta' mija hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00) u minkejja diversi interpelazzjonijiet il-konvenut baqa' nadempjenti.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-16 ta' Novembru, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghall-hsarat u danni pretisi;**

**Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, kwalunkwe danni huma limitati, a tenur tal-polza ta' karigu.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Abela ghas-socjeta` attrici. Ra d-degriet tad-19 ta' Dicembru, 2001, li bih t-Tribunal laqgha t-talba tas-socjeta` konvenuta sabiex issir referenza ghall-provi gja prodotti fil-kawza fl-ismijiet John Abela Ltd vs Gollcher Co Ltd (Avviz Numru 522/01AE) deciz fl-24 ta' Ottubru, 2001. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz in kwistjoni jirrigwarda danni allegatament kagunati fuq it-trailer numru TR077 tas-socjeta` attrici.**

2. **It-trailer in kwistjoni kien telaq minn Malta minghajr hsarat. Ma jirrizultax li dan garrab danni waqt li kien fl-Italja. L-imsemmi trailer**

**gie mghobbi fil-port ta' Genova fuq il-bastiment Lince fit-30 ta' Gunju, 2001.**

3. **Mill-polza ta' karigu numru 255288 Dok.CA1 it-trailer kien telaq mill-Italja "in good order and condition". L-imsemmija polza tistabilixxi prima facie prova li t-trailer ma kellux hsarat meta tghabba. Fir-rigward ma ngiebet ebda prova li tista twaqqa tali presunzjoni. (Ara Wilfred Mamo noe vs Paul Mifsud noe et. Appell dec:5 ta' Gunju, 1987).**

4. **Jirrizulta li l-vapur wasal Malta fit-2 ta' Lulju, 2001, filghaxija, u fit-3 ta' Lulju, Carmelo Abela, Direttur tas-socjeta` attrici, mar jarah, peress li kien infurmat li kellu hsara. Meta rah it-trailer kien ghadu ma giex rilaxxat. Huwa sab li t-trailer kellu hsara fuq il-lemin.**

5. **Li t-trailer kellu l-hsara jirrizulta mill-Gate Pass Out, Dok.CA1 fejn hemm ir-rimarka "side damaged", u datat 3 ta' Lulju, 2001.**

6. **It-tally sheet Dok.HN1 jindika li meta t-trailer gie zbarkat minn fuq il-vapur, dan kellu parti mit-tinda imqatta.**

7. **Ghalhekk jirrizulta li ta' bilfors il-hsara grat fit-tragitt lejn Malta. Tassew illi kien gie rimarkat li t-tinda kienet imqatta, pero` ma jirrizultax li gie investigat mit-tally clerk tas-socjeta` konvenuta x'kienet il-hsara li kien hemm taht it-tinda. Jirrizulta pero` li kien hemm hsara fil-genb kif gja intqal, u dana skond il-"gate pass out".**

**Ghandu jigi rilevat illi s-socjeta` attrici mhix qed tirreklama id-danni tat-tinda izda tat-tiswija tal-parti tal-metall.**

8. **It-Tribunal hu soddisfatt illi t-trailer garrab il-hsara waqt li kien ghadu abbord, u ghalhekk ghall-tali hsara ghandha twiegeb is-socjeta` konvenuta bhala agenti tad-ditta estera Grandi Traghetti s.p.a. di Navigazione.**

9. **Dwar il-hsara li garrab it-trailer din giet konfermata minn Carmelo Abela u tikkonsisti f'mitt lira Maltija hlas ta' pagi ghall jumejn biex jissewwa, hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00) zebgha, u erbghin lira Maltija (Lm40.00) metal, b'kollox it-total mitlub.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata t-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**